FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

### Seduta ta' nhar It-Tnejn 22 April , 2002

**Avviz Nru:1571/01 PM**

**Gasanmamo Insurance Agency Ltd. noe.**

**Vs**

**Agius Clive**

**It-Tribunal,**

It-Tribunal ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' tlett mija u hmistax il-Lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm315.96) rapprezentanti danni li sofra Ian Cachia ghas-socjeta' attrici f' incident tat-traffiku fejn qal li l-konvenut kien unikament responsabbli.

Ra li l-konvenut ipprezenta r-risposta fejn qal li l-istess incident kien sehh unikament b' negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas tat-tharis tar-regolament tat-traffiku da' parti tal-attur.

Ra is-seduta datata 24 ta' Jannar 2002 fejn dehret Dr.Jackie Scerri ghas-socjeta' attrici. Il-kawza giet differita ghall-4 ta' Marzu, 2002 ghal provi kollha tal-partijiet.

Ra li fl-4 ta' Marzu, 2002 xehdu Ian Cachia, PS 318 Francis Rogers u Clive Agius. Dehret Dr.Jackie Scerri ghas-socjeta' attrici li ezebiet nota b' zewg dokumenti u ddikjarat li ma' ghandiex provi izjed.

Ra in-nota tas-socjeta' attrici (a fol.26) u zewg dokumenti mmarkati Dok GMI1 u Dok GMI 2.

Ra s-seduta mizmuma fl-4 ta' Marzu, 2002 fejn xehed PS 318 Francis Rogers. Francis Rogers jezebixxi l-skizz u r-Road Accident Report immarkati FR u FR1.

Ra l-istess seduta mizmuma fl-4 ta'Marzu, 2002 fejn xehed Ian Cachia li kien isuq il-vettura JAB 452. Ian Cachia qal li kien gej fejn il-fabbrika tal-Lawenbrau fejn sab trakk f' nofs ta' triq u xi vetturi ohra. Ian Cachia waqaf wara zewg vetturi ohra ta' gewwa tat-trakk. It-trakk kiser ghal fuq ix-xellug sabiex jidhol fill-fabbrika bla indicator. Ian Cachia daqq il-horn izda it-trakk baqa' jikser u gibdu.

Ra x-xhieda tal-konvenut li qal li ma setghax jara dak li kien warajh qabel ma dahar.

Jirrizulta manifestament li l-konvenut kien unikament reponsabbli ghall-incident billi kellu d-dover li jara x'hemm warajh qabel ma jibda' jdur. Jekk dan ma jistax jaghmlu ma jmissux isuq wahdu.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq imsemmija t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif fuq spjegat u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tlett mija u hmistax il-Lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm315.96) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali datata 29 ta' Settembru, 2000.

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**

**Gudikatur**